MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Numru. 390/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Chris Pullicino]**

**vs**

**Dennis Catania**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Dennis Catania detentur tal-karta tal-identita` numru 90581(M).

Akkuzat talli fil-11 ta' Frar 2013:
F'dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jestorci flus jew xi haga ohra, jew li jaghmel xi qliegh, jew bil-hsieb li jgieghel lil Dr Jason Azzopardi LLD jesegwixxi, jiddistruggi, iqalleb, jew ibiddel testament jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li

jaghti malafama lill-imsemmi Dr Jason Azzopardi LLD, jew persuna/i ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Dr Jason Azzopardi LLD, weggghu bi kliem, b’gesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor liema kitba, figuri, disinji gew imxandrin jew esposti fil-pubbliku;

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta htija, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuni offizi, cioe` Dr Jason Azzopardi LLD u l-familja tieghu/jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghalliskop tal-protezzjoni tal-persuna/i msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza’ ta’ vjolenza, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzat skont l-Artikolu 412C tal-Kap. 9;

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat id-dikjarazzjoni ta’ apologija lejn il-parte civile u l-ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 250, 252(1),(3) u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed issib lill-imputat Dennis Catania hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih, u stante li t-tieni akkuza hija assorbita fl-ewwel akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

Tordna wkoll li jinhareg ordni taht l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali li ghandha tifforma parti intergrali minn din is-sena.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------